Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M2 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 732/2008**

tat-22 ta' Lulju 2008

li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill- 1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 ◄

(ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1236/2009 tal-10 ta' Diċembru 2009	L 332	38	17.12.2009
►M2	Regolament (UE) Nru 512/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011	L 145	28	31.5.2011
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 496/2013 tad-29 ta' Mejju 2013	L 143	11	30.5.2013

▼B

▼M2

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 732/2008

tat-22 ta' Lulju 2008

li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill- 1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007

▼B

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Mill-1971, il-Komunità tat preferenzi kummerċjali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-qafas ta' l-iskema tagħha tal-preferenzi tariffarji ġeneralizzati.

(2) Il-politika kummerċjali komuni tal-Komunità hija li tkun konsistenti ma' l-objettivi tal-politika ta' l-iżvilupp u li tikkonsolidhom, b'mod partikolari l-qerda tal-faqar u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din trid tkun konformi ma' l-obbligi tad-WTO, u b'mod partikolari mal-'klawżola awtorizzanti tal-GATT ta' l-1979 li skond din, il-Membri tad-WTO jistgħu japprovaw trattament differenzjat u favorevoli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

(3) Il-Komunikazzjoni tas-7 ta' Lulju 2004 mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, imsemmija "Pajjiżi li qed jiżviluppaw, kummerċ internazzjonali u l-iżvilupp sostenibbli: il-ħidma tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) tal-Komunità għall-perjodu ta' għaxar snin mill-2006 sa l-2015", tistipula l-linji gwida għall-applikazzjoni ta' l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu 2006 sal-2015.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) ([2]) japplika l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati sal-31 ta' Diċembru 2008. Minn hemm 'il quddiem, l-iskema għandha tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011, skond il-linji gwida.

(5) L-iskema tal-preferenzi tariffarji ġeneralizzati (minn hawn 'il quddiem 'l-iskema') għandha tikkonsisti minn arranġament ġenerali, mogħti lill-pajjiżi u lit-territorji benefiċjarji kollha, u żewġ arranġamenti speċjali li jieħdu kont tad-diversi ħtiġiet ta' żvilupp ta' pajjiżi f'sitwazzjonijiet ekonomiċi simili.

(6) L-arranġament ġenerali għandu jingħata lil dawk il-pajjiżi benefiċjarji kollha li mhumiex klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli u li mhumiex diversifikati biżżejjed fl-esportazzjoni tagħhom.

([1]) Opinjoni mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2008 wara konsultazzjoni mhux obbligatorja (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 55/2008 (ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1).

▼B

(7) L-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba huwa bbażat fuq il-kunċett integrali ta' l-iżvilupp sostenibbli, kif rikonoxxut minn konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali bħalma huma d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt għall-Iżvilupp ta' l-1986, id-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp ta' l-1992, id-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji Fundamentali u d-Drittijiet fil-Post tax-Xogħol ta' l-1998, id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU ta' l-2000 u d-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-2002.

(8) B'konsegwenza ta' dan, għandhom jingħataw preferenzi tariffarji addizzjonali lil dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li, minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fis-sistema internazzjonali tal-kummerċ, huma vulnerabbli meta jerfgħu piżijiet u responsabbiltajiet speċjali li jirriżultaw mir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet internazzjonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem u dawk tal-ħaddiema, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-governanza tajba.

(9) Dawn il-preferenzi għandhom jitfasslu biex jippromwovu tkabbir ekonomiku ulterjuri u, permezz ta' dan, jirreaġixxu b'mod pożittiv għall-ħtieġa ta' l-iżvilupp sostenibbli. Skond dan l-arranġament, it-tariffi *ad valorem* għandhom għalhekk jiġu sospiżi għall-pajjiżi benefiċjarji kkonċernati, kif ukoll id-dazji speċifiċi, sakemm ma jkunux amalgamati ma' dazju *ad valorem*.

(10) Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jissodisfaw il-kriterji għall-eliġibbiltà għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji addizzjonali, jekk il-Kummissjoni tikkonferma l-kwalifika tagħhom sal-15 ta' Diċembru 2008 meta ssir l-applikazzjoni tagħhom. Il-pajjiżi li diġà jibbenefikaw mill-arranġament speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba għandhom iġeddu l-applikazzjonijiet tagħhom.

(11) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet internazzjonali skond il-mekkaniżmi rispettivi tagħhom u għandha tivvaluta r-relazzjoni bejn il-preferenzi tariffarji addizzjonali u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

(12) L-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati għandu jkompli jagħti aċċess bla dazju għas-suq Komunitarju lil prodotti li joriġinaw mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif rikonoxxuti u kklassifikati min-NU. Għal pajjiż li ma għadux ikklassifikat min-NU bħala wieħed mill-pajjiż l-anqas żviluppati għandu jiġi stabbilit perjodu tranżitorju, biex jittaffa kwalunkwe effett negattiv ikkawżat mit-tneħħija tal-preferenzi tariffarji mogħtija skond dan l-arranġament.

(13) Sabiex tkun żgurata koerenza mad-dispożizzjonijiet għall-aċċess għas-suq għaz-zokkor fil-Ftehimiet tas-Sħubija Ekonomika, l-aċċess bla dazju għaz-zokkor għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2009 u l-kwota tariffarja għal prodotti taħt is-subintestatura 1701 11 10 kif miftuħa skond l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati għandha tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2009 b'żieda pro rata fil-volum tagħha. Barra minn hekk, għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2012 l-importatur tal-prodotti taħt l-intestatura 1701 għandu jimpenja ruħu li jixtri prodotti bħal dawn bi prezz mhux aktar baxx mill-prezz minimu.

▼B

(14) Għall-arranġament ġenerali, għandu jkun hemm differenzjar kontinwu tal-preferenzi bejn prodotti "mhux sensittivi" u prodotti "sensittivi", biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-setturi li jimmanifatturaw l-istess prodotti fil-Komunità.

(15) Għandhom ikomplu jiġu sospiżi d-dazji tariffarji fuq prodotti mhux sensittivi, filwaqt li dazji fuq prodotti sensittivi għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis tat-tariffa sabiex tkun żgurata rata ta' utilizzazzjoni sodisfaċenti u fl-istess waqt jittieħed kont tas-sitwazzjoni ta' l-industriji Komunitarji korrispondenti.

(16) Dan it-tip ta' tnaqqis tariffarju għandu jkun attraenti biżżejjed sabiex jimmotiva lill-kummerċjanti biex jużaw l-opportunitajiet offruti mill-iskema. Għalhekk, sa fejn għandhom x'jaqsmu d-dazji *ad valorem*, it-tnaqqis ġenerali għandu jkun permezz ta' rata fissa ta' 3,5 punti perċentwali mir-rata tad-dazju tan-'nazzjon l-aktar iffavorit', filwaqt li dazji bħal dawn għal tessuti u prodotti tessili għandhom jitnaqqsu b'20 %. Dazji speċifiċi għandhom jitnaqqsu bi 30 %. Meta dazju minimu ikun speċifikat, dak id-dazju minimu ma għandux japplika.

(17) Meta r-rati tad-dazju preferenzali, ikkalkolati skond ir-Regolament (KE) Nru 980/2005, jipprevedu tnaqqis akbar fit-tariffi, dawn ir-rati għandhom ikomplu japplikaw.

(18) Id-dazji għandhom ikunu totalment sospiżi, meta t-trattament preferenzjali għal dikjarazzjoni individwali ta' importazzjoni jirriżulta f'dazju *ad valorem* ta' 1 % jew anqas jew f'dazju speċifiku ta' EUR 2 jew anqas, minħabba li l-ispiża biex jinġabru dazji bħal dawn tista' tkun ogħla mill-introjtu li nkiseb.

(19) F'ġieħ il-koerenza fil-politika kummerċjali Komunitarja, pajjiż benefiċjarju ma għandux jibbenefika kemm mill-iskema kif ukoll minn ftehim kummerċjali preferenzjali, jekk dak il-ftehim ikopri l-preferenzi kollha previsti mill-iskema attwali għal dak il-pajjiż.

(20) Il-gradwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji relatati mat-taqsimiet tat-Tariffa Doganali Komuni. Il-gradwazzjoni ta' taqsima għal pajjiż benefiċjarju għandha tkun applikata meta t-taqsima tilħaq il-kriterji għall-gradwazzjoni għal tliet snin konsekuttivi, biex tiżdied il-prevedibbiltà u l-ġustizzja tal-gradwazzjoni billi jitneħħa l-effett ta' varjazzjonijiet kbar u eċċezzjonali fl-istatistika dwar l-importazzjoni.

(21) Ir-regoli ta' l-oriġini li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji, il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati magħhom, stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), għandhom japplikaw għall-preferenzi tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, biex jiġi żgurat li mill-iskema jibbenefikaw biss dawk li għalihom l-iskema hija maħsuba.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

▼B

(22) Ir-raġunijiet għal irtirar temporanju għandhom jinkludu ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti f'ċerti konvenzjonijiet internazzjonali li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-ħaddiema jew relatati ma' l-ambjent jew il-governanza tajba, biex jiġu promossi l-objettivi ta' dawk il-konvenzjonijiet u biex jiġi żgurat li l-ebda pajjiż benefiċjarju ma jirċievi vantaġġ inġust permezz ta' vjolazzjoni kontinwa ta' dawk il-konvenzjonijiet.

(23) Minħabba s-sitwazzjoni politika fil-Mjanmar u fil-Belarus, l-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji kollha fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-Mjanmar jew fil-Belarus għandu jiġi ppreservat.

(24) Fejn meħtieġ, ir-referenzi f'leġiżlazzjoni Komunitarja oħra għandhom jiġu aġġornati sabiex jirreferu għal dan ir-Regolament. Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 ta' l- 24 ta' Marzu 1997 li jirtira temporanjament l-aċċess għall-preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati mill-Unjoni ta' Mjanmar ([1]), Nru 1933/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jirrevoka temporanjament l-aċċess għall-preferenzi tariffarji ġeneralizzati għar-Repubblika tal-Belarus ([2]), u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/07, 2007/08 u 2008/09, regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u u, kif ukoll regoli dettaljati li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw fil-pajjiżi l-anqas żviluppati ([3]) u (KE) Nru 964/2007 ta' l-14 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għar-ross li joriġina mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, għas-snin tas-suq 2007/2008 u 2008/2009 ([4]), għandhom għal-hekk jiġu emendati skond dan.

(25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([5]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. L-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (minn hawn 'il quddiem 'l-iskema') għandha tapplika skond dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament jipprevedi l-preferenzi tariffarji li ġejjin:

(a) arranġament ġenerali,

([1]) ĠU L 85, 27.3.1997, p. 8.
([2]) ĠU L 405, 30.12.2006, p. 35, kif ikkoreġut bil-ĠU L 29, 3.2.2007, p. 14.
([3]) ĠU L 196, 18.7.2006, p. 3.
([4]) ĠU L 213, 15.8.2007, p. 26.
([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

▼B

(b) arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba, u

(ċ) arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Dazji ta' Tariffa Doganali Komuni" tfisser id-dazji speċifikati fit-Tieni Parti ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), minbarra dawk id-dazji stabbiliti fil-qafas ta' kwoti tariffarji;

(b) "taqsima" tfisser waħda mit-taqsimiet tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87. It-Taqsima XI għandha titqiegħed bħala magħmula minn żewġ taqsimiet separati, bit-Taqsima XI(a) tinkludi l-Kapitoli 50-60 tad-Dazji Doganali Komuni, u t-Taqsima XI(b) tinkludi l-Kapitoli 61-63 tad-Dazji Doganali Komuni;

(ċ) "pajjiżi u territorji benefiċjarji" tfisser pajjiżi u territorji elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Pajjiż benefiċjarju għandu jitneħħa mill-iskema meta dan jiġi kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'introjtu għoli għal tliet snin konsekuttivi, u meta l-valur ta' l-importazzjoni ta' l-akbar ħames taqsimiet ta' l-importazzjoni tiegħu koperti mis-SPĠ diretti lejn il-Komunità jirrappreżentaw anqas minn 75 % mit-total ta' l-importazzjoni koperta mis-SPĠ minn dak il-pajjiż benefiċjarju għall-Komunità.

2. Meta pajjiż benefiċjarju jibbenefika minn ftehim kummerċjali preferenzjali mal-Komunità li jkopri l-preferenzi kollha previsti minn l-iskema attwali għal dak il-pajjiż, għandu jitneħħa mil-lista tal-pajjiżi benefiċjarji.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27 bil-preferenzi pprovduti bil-ftehim preferenzjali kummerċjali msemmi fl-fl-ewwel subparagrafu.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat bit-tneħħija tiegħu mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji.

Artikolu 4

Il-prodotti inklużi fl-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) huma elenkati fl-Anness II.

Artikolu 5

1. Il-preferenzi tariffarji mogħtija għandhom japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti inklużi fl-arranġament li jgawdi minnu l-pajjiż benefiċjarju li joriġinaw fih.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 9).

▼B

2. Għall-finijiet ta' l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2), ir-regoli ta' l-oriġini, li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti, il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati magħhom, għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

3. Il-kumulazzjoni reġjonali fi ħdan it-tifsir u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandha tapplika wkoll meta prodott użat għall-manifattura ulterjuri f'pajjiż li qiegħed fi grupp reġjonali joriġina f'pajjiż ieħor tal-grupp, li ma jibbenefikax mill-arranġamenti li japplikaw għall-prodott finali, sakemm iż-żewġ pajjiżi jibbenefikaw minn kumulazzjoni reġjonali għal dak il-grupp.

KAPITOLU II

ARRANĠAMENTI U PREFERENZI TARIFFARJI

TAQSIMA 1

Arranġament ġenerali

Artikolu 6

1. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti elenkati fl-Anness II bħala prodotti mhux sensittivi għandhom ikunu sospiżi bis-sħiħ, għajr għal komponenti agrikoli.

2. Dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness II bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 3,5 punti perċentwali. Għall-prodotti mit-Taqsimiet XI(a) u XI (b), dan it-tnaqqis għandu jkun ta' 20 %.

3. Fejn rati doganali preferenzjali, ikkalkolati skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, dwar dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli fil-25 ta' Awwissu 2008, jipprevedu tnaqqis fit-tariffa, għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ta' aktar minn 3,5 punti perċentwali, għandhom japplikaw dawk ir-rati doganali preferenzjali.

4. Dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni, minbarra d-dazji minimi jew massimi, fuq prodotti elenkati fl-Anness II bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 30 %.

5. Fejn dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness II bħala prodotti sensittivi jinkludu dazji *ad valorem* u dazji speċifiċi, id-dazji speċifiċi ma għandhomx jitnaqqsu.

6. Fejn id-dazji mnaqqsin skond il-paragrafi 2 u 4 jispeċifikaw dazju massimu, dak id-dazju massimu m'għandux jitnaqqas. Fejn dawn id-dazji jispeċifikaw dazju minimu, dak id-dazju minimu ma għandux japplika.

7. Il-preferenzi tariffarji msemmijin fil-paragrafi 1, 2, 3, u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti mit-taqsimiet li jkunu tneħħewlhom dawk il-preferenzi tariffarji, għall-pajjiż ta' l-oriġini kkonċernat, skond l-Artikolu 13 u l-Artikolu 20(8) kif elenkat fil-kolonna C ta' l-Anness I.

▼B

TAQSIMA 2

Arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba

Artikolu 7

1. Dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha elenkati fl-Anness II li joriġinaw f'pajjiż inkluż fl-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba għandhom jiġu sospiżi.

2. Id-dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu sospiżi għal kollox, ħlief għall-prodotti li fuqhom id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jinkludu dazji *ad valorem*. Għal prodotti bil-kodiċi NM 1704 10 90, id-dazju speċifiku għandu jkun limitat għal 16 % tal-valur doganali.

3. Għal pajjiż benefiċjarju, l-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba ma għandux jinkludi prodotti mit-taqsmiet li għalihom ġew irtirati dawn il-preferenzi tarrifarji skond il-kolonna C ta' l-Anness I.

Artikolu 8

1. L-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba jista' jingħata lil pajjiż li:

(a) irratifika u implimenta b'mod effettiv il-konvenzjonijiet kollha elenkati fl-Anness III,

(b) jagħti garanzija li jippreserva r-ratifika tal-konvenzjonijiet u l-leġiżlazzjoni u l-miżuri li jimplimentawhom, u jaċċetta monitoraġġ u reviżjoni regolari tar-reġistru ta' implimentazzjoni tiegħu skond id-dispożizzjonijiet implimentattivi tal-konvenzjonijiet li rratifika, u

(ċ) huwa meqjus bħala pajjiż vulnerabbli kif definit fil-paragrafu 2.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima pajjiż vulnerabbli jfisser pajjiż:

(a) li mhux ikklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'introjtu għoli għal tliet snin konsekuttivi, u li l-ikbar ħames taqsimiet ta' l-importazzjoni tiegħu koperta mis-SPĠ diretti lejn il-Komunità jirrappreżentaw iktar minn 75 % tal-valur ta' l-importazzjoni totali tiegħu koperta mis-SPĠ, u

(b) li l-importazzjoni tiegħu koperta mis-SPĠ diretta lejn il-Komunità tirrappreżenta anqas minn 1 % bħala valur ta' l-importazzjoni totali diretta lejn il-Komunità koperta mis-SPĠ.

Id-data li trid tintuża hija:

(a) għall-finijiet ta' l-Artikolu 9(a)(i) — dik disponibbli fl-1 ta' Settembru 2007, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi,

(b) għall-finijiet ta' l-Artikolu 9(a)(ii) — dik disponibbli fl-1 ta' Settembru 2009, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi,

▼M2

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 9(1)(a)(iii) - dawk disponibbli fl-1 ta' Settembru 2010, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi,

▼M2

(d) għall-finijiet tal-Artikolu 9(1)(a)(iv) – dawk disponibbli fl-1 ta' Settembru 2012, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi.

▼B

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt reviżjoni l-istatus tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet elenkati fl-Anness III billi teżamina l-informazzjoni disponibbli mill-korpi ta' monitoraġġ rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill jekk din l-informazzjoni tindika li kien hemm devjazzjoni, minn pajjiż benefiċjarju, mill-implimentazzjoni effettiva ta' kwalunkwe mill-konvenzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport sommarju lill-Kunsill, dwar l-istatus tar-ratifika u r-rakkomandazzjonijiet disponibbli minn korpi ta' monitoraġġ rilevanti, kmieni biżżejjed għad-diskussjoni tar-Regolament li jmiss.

Artikolu 9

1. Bla ħsara għall-paragrafu 3, l-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba għandu jingħata, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pajjiż jew it-territorju elenkat fl-Anness I ikun għamel talba f'dak is-sens jew:

(i) sal-31 ta' Ottubru 2008, li għandu arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Jannar 2009,

jew inkella

(ii) sat-30 ta' April 2010, sabiex jingħata arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Lulju 2010,

jew

▼M2

(iii) sal-31 ta' Ottubru 2011, li jrid jingħata arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Jannar 2012,

jew

(iv) sat-30 ta' April 2013, li jrid jingħata l-arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Lulju 2013,

u

▼B

(b) l-eżami tat-talba juri li l-pajjiż jew it-territorju li qed jagħmel it-talba jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (2).

2. Il-pajjiż li jagħmel it-talba għandu jippreżenta t-talba tiegħu lill-Kummissjoni bil-miktub, u għandu jipprovdi informazzjoni komprensiva dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet imsemmijin fl-Anness III, il-leġiżlazzjoni u l-miżuri biex jiġu implimentati b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet, u l-impenn tiegħu li jaċċetta u jissodisfa bis-sħiħ il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' reviżjoni previst fil-konvenzjonijiet rilevanti u l-istrumenti relatati.

3. Dawk il-pajjiżi li jkunu ingħataw l-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba taħt ir-Regolament (KE) Nru 980/2005 għandhom jippreżentaw ukoll talba, skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. ►M2 Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(i) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(ii), 1(a)(iii) jew 1(a)(iv). ◄

▼M2

Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(ii) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(iii), jew il-paragrafu 1(a)(iv). Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(iii) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(iv).

▼B

Artikolu 10

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba akkumpanjata bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2). Waqt li tkun qed teżamina t-talba, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tas-sejbiet ta' l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji internazzjonali rilevanti. Hija tista' titlob lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba kwalunkwe mistoqsija li hija tqis rilevanti u tista' tivverifika l-informazzjoni li taslilha mal-pajjiż li qed jagħmel it-talba jew ma' kwalunkwe sors ieħor rilevanti.

2. Wara li teżamina t-talba, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(4), jekk tagħtix lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba l-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni meħuda skond il-paragrafu 2 lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba. Fejn pajjiż jingħata l-arranġament ta' inċentivi speċjali, dan għandu jiġi informat bid-data li fiha d-deċiżjoni tidħol fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li jelenka l-pajjiżi li qed jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentivi speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba:

(a) sal-15 ta' Diċembru 2008 għal applikazzjoni taħt l-Artikolu 9(i)(a)(i), jew

(b) sal-15 ta' Ġunju 2010 għal applikazzjoni taħt l-Artikolu 9(i)(a)(ii), ►M2 jew ◄

▼M2

(c) sal- 15 ta' Diċembru 2011 għal talba skont l-Artikolu 9(1)(a)(iii), jew

(d) sal-15 ta' Ġunju 2013 għal talba skont l-Artikolu 9(1)(a)(iv).

▼B

4. Fejn il-pajjiż li qed jagħmel it-talba ma jingħatax l-arranġament ta' inċentivi speċjali, il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet, jekk dak il-pajjiż jitlobhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tmexxi r-relazzjonijiet kollha dwar it-talba ma' pajjiż li qed jagħmel it-talba waqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(4).

6. L-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba mogħti fir-Regolament (KE) Nru 980/2005 għandu jkompli jingħata mill-1 ta' Jannar 2009 lil kwalunkwe pajjiż li għadu soġġett għal investigazzjoni mibdija taħt l-Artikolu 18(2) ta' dak ir-Regolament, sad-data tal-konklużjoni ta' tali investigazzjoni taħt dan ir-Regolament.

▼B

TAQSIMA 3

Arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati

Artikolu 11

1. Bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha mill-Kapitoli 1 sa 97 tas-Sistema Armonizzata ħlief dawk tal-Kapitolu 93 tagħha, li joriġinaw f'pajjiż li skond l-Anness I jibbenefika mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, għandhom jiġu kompletament sospiżi.

2. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1006 għandhom jitnaqqsu bi 80 % sal-31 ta' Awwissu 2009, u għandhom jiġu kompletament sospiżi b'effett mill-1 ta' Settembru 2009.

3. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701 għandhom jitnaqqsu bi 80 % sat-30 ta' Settembru 2009, u għandhom jiġu kompletament sospiżi mill-1 ta' Ottubru 2009.

4. Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2012 l-importatur ta' prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701 għandu jimpenja ruħu li jixtri prodotti bħal dawk bi prezz minimu ta' mhux anqas minn 90 fil-mija tal-prezz ta' referenza (fuq bażi c.i.f.) stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1] għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni rilevanti.

5. Sakemm id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti taħt l-intestaturi tariffarji 1006 u 1701 huma kompletament sospiżi skond il-paragrafi 2 u 3, kwota tariffarja globali ta' dazju żero għandha tinfetaħ għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1006 u s-subintestatura 1701 11 10 rispettivament, li joriġinaw fil-pajjiżi li jibbenefikaw minn dan l-arranġament speċjali. Il-kwoti tariffarji għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009 għandhom ikunu ugwali għal 6 694 tunnellata, ekwivalenti għar-ross maħruġ mill-fosdqa, għall-prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1006 u 204 735 tunnellata, ekwivalenti għaz-zokkor abjad, għall-prodotti taħt is-subintestatura 1701 11 10.

6. Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settemrbru 2015, l-importazzjoni tal-prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701 għandha teħtieġ liċenzja ta' l-importazzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [2].

8. Meta pajjiż jiġi eskluż min-NU mil-lista tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, dan għandu jitneħħa mil-lista ta' benefiċjarji ta' dan l-arranġament. It-tneħħija ta' pajjiż mill-arranġament u t-twaqqif ta' perjodu ta' tranżizzjoni ta' mill-inqas tliet snin għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(4).

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1).

[2] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

▼B

Artikolu 12

L-Artikolu 11(3) li jirreferi għal prodotti taħt is-subintestatura tariffarja 1701 11 10 ma għandux japplika għal prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li jibbenefikaw mill-preferenzi msemmijin f'din it-taqsima u rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fid-dipartimenti *extra*-Ewropej ta' Franza.

TAQSIMA 4

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 13

1. Il-preferenzi tariffarji msemmijin fl-Artikoli 6 u 7 għandhom jitneħħew, fir-rigward ta' dawk il-prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju ta' taqsima, meta l-valur medju ta' l-importazzjoni Komunitarja minn dak il-pajjiż ta' prodotti inklużi fit-taqsima kkonċernata u koperti mill-arranġament li jgawdi minnu dak il-pajjiż jaqbeż il-15 % tal-valur ta' l-importazzjoni Komunitarja ta' l-istess prodotti mill-pajjiżi u t-territorji benefiċjarji kollha għal tliet snin konsekuttivi, abbażi tad-data l-iktar reċenti disponibbli fl-1 ta' Settembru 2007. Għal kull waħda mit-Taqsimiet XI(a) u XI (b), dan il-limitu għandu jkun ta' 12,5 %.

2. It-taqsimiet imneħħija skond il-paragrafu 1 huma elenkati fil-kolonna C ta' l-Anness I. It-taqsimiet imneħħija b'dan il-mod ser jibqgħu tali għall-perijodu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif imsemmi fl-Artikolu 32(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika pajjiż benefiċjarju bit-tneħħija ta' taqsima.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal pajjiż benefiċjarju fir-rigward ta' kwalunkwe taqsima li tirrappreżenta aktar minn 50 % bħala valur ta' l-importazzjoni kollha koperta mis-SPĠ diretta lejn il-Komunità li joriġinaw minn dak il-pajjiż.

5. Is-sors statistiku li għandu jintuża għall-għan ta' dan l-Artikolu għandu jkun l-istatistika kummerċjali esterna ta' l-Eurostat.

Artikolu 14

1. Fejn ir-rata ta' dazju *ad valorem* għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni individwali mnaqqsa skond dan il-Kapitolu hija ta' 1 % jew anqas, dak id-dazju għandu jiġi totalment sospiż.

2. Fejn ir-rata ta' dazju speċifiku għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni individwali mnaqqsa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu hi ta' EUR 2 jew anqas għal kull ammont individwali f'euro, dak id-dazju għandu jiġi totalment sospiż.

3. Suġġetta għall-paragrafi 1 u 2, ir-rata finali tad-dazju preferenzjali kkalkolata skond dan ir-Regolament għandha titnaqqas għal-ewwel pożizzjoni deċimali.

▼B

KAPITOLU III

IRTIRAR TEMPORANJU U DISPOŻIZZJONIJIET TA' SALVAGWARDJA

TAQSIMA 1

Irtirar temporanju

Artikolu 15

1. L-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ksur serju u sistematiku ta' prinċipji stipulati fil-konvenzjonijiet elenkati fil-Parti A ta' l-Anness III, abbażi tal-konklużjonijiet tal-korpi rilevanti ta' monitoraġġ;

(b) l-esportazzjoni ta' oġġetti magħmula minn xogħol tal-ħabsin;

(ċ) nuqqasijiet serji fil-kontrolli doganali dwar l-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' drogi (sustanzi illeċiti jew prekursuri), jew nuqqas ta' konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-ħasil tal-flus;

(d) prattiċi kummerċjali serji u sistematiċi mhux ekwi li għandhom effett avvers fuq l-industrija Komunitarja u li ma ġewx indirizzati mill-pajjiż benefiċjarju. Għal dawk il-prattiċi kummerċjali inġusti li huma pprojbiti jew azzjonabbli taħt il-Ftehimiet tad-WTO, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq determinazzjoni preċedenti għal dak il-għan mill-korp kompetenti tad-WTO;

(e) il-ksur serju u sistematiku ta' l-għanijiet ta' organizzazzjonijiet tas-sajd reġjonali jew arranġamenti li l-Komunità hija Membru tagħhom dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, l-arranġament speċjali ta' inċentiv imsemmi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II jista' jiġi temporanjament irtirat, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti inklużi f'dan l-arranġament u li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, b'mod partikolari jekk il-leġislazzjoni nazzjonali ma għadhiex tinkorpora dawk il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Anness III li ġew ratifikati bi twettiq tar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 8(1) u (2) jew jekk dik il-leġislazzjoni mhijiex implimentata b'mod effettiv.

3. L-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu rtirati skond il-paragrafu 1(d) fir-rigward ta' prodotti li huma soġġetti għal miżuri ta' l-antidumping jew miżuri kompensatorji li jaqgħu taħt ir-Regolamenti (KE) Nru 384/96 ([1]) jew (KE) 2026/97 ([2]), minħabba r-raġunijiet li jiġġustifikaw dawk il-miżuri.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

▼B

Artikolu 16

1. L-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, f'każijiet ta' frodi, irregolaritajiet jew nuqqas sistematiku ta' konformità jew ta' żgurar ta' konformità mar-regoli li jikkonċernaw l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom, jew nuqqas li tingħata kooperazzjoni amministrattiva kif mitlub għall-implimentazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 tirrikjedi, fost l-oħrajn, li pajjiż benefiċjarju:

(a) jikkomunika lill-Kummissjoni u jaġġorna l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' oriġini u r-regolazzjoni tagħhom;

(b) jassisti lill-Komunità billi jwettaq, fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, verifika sussegwenti ta' l-oriġini tal-prodotti, u jikkomunika r-riżultati tagħha fil-ħin;

(ċ) jassisti lill-Komunità billi jippermetti lill-Kummissjoni, b'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, twettaq missjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattivi u investigattivi Komunitarji f'dak il-pajjiż, sabiex tivverifika l-awtentiċità tad-dokumenti jew il-preċiżjoni ta' l-informazzjoni rilevanti għall-għotja tal-benefiċċju ta' l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2);

(d) iwettaq jew jagħmel arranġamenti għal inkjesti xierqa biex jidentifika u jipprevjeni kontravenzjoni tar-regoli ta' l-oriġini;

(e) jikkonforma jew jiżgura konformità mar-regoli ta' l-oriġini fejn għandha x'taqsam kumulazzjoni reġjonali, fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jekk il-pajjiż jibbenefika minnhom;

(f) jassisti lill-Komunità fil-verifika tal-kondotta fejn hemm preżunzjoni ta' frodi relatata ma' l-oriġini. L-eżistenza ta' frodi tista' tkun preżunta fejn importazzjonijiet ta' prodotti taħt ir-reġimi preferenzjali li huma previsti f'dan ir-Regolament jeċċedu b'ħafna l-livelli tas-soltu ta' esportazzjonijiet tal-pajjiż benefiċjarju.

3. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, fejn tikkunsidra li hemm biżżejjed evidenza biex ikun iġġustifikat irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dment li l-ewwel tkun:

(a) infurmat lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27,

(b) appellat lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' prekawzjoni kif inhu meħtieġ, biex jiġu ssalvagwardati l-interessi finanzjarji tal-Komunità u/jew tiġi żgurata konformità mill-pajjiż benefiċjarju ma' l-obbligi tagħha, u

(ċ) ippubblikat avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* li jiddikjara li jeżistu raġunijiet għal dubji raġjonevoli dwar l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti preferenzjali u/jew dwar il-konformità mill-pajjiż benefiċjarju ma' l-obbligi tiegħu, li jistgħu jixħtu dubju fuq id-dritt tiegħu li jkompli jgawdi mill-benefiċċji mogħtija permezz ta' dan ir-Regolament.

▼B

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond dan il-paragrafu, qabel ma din ikollha effett. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinnotifika lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista' jirreferi deċiżjoni li ttieħdet skond il-paragrafu 3 lill-Kunsill fi żmien xahar. Il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

5. Il-perijodu ta' sospensjoni ma għandux jaqbeż is-sitt xhur. Meta l-perijodu jintemm, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li jew ittemm is-sospensjoni wara li tkun informat lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27 inkella li testendi l-perijodu ta' sospensjoni skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tiġġustifika s-sospensjoni tal-preferenzi jew l-estensjoni tagħha.

Artikolu 17

1. Fejn il-Kummissjoni jew Stat Membru jirċievi informazzjoni li tista' tiġġustifika l-irtirar temporanju u fejn il-Kummissjoni jew Stat Membru jikkunsidraw li hemm biżżejjed raġunijiet għal investigazzjoni, għandhom jinformaw lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27 u jitolbu konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien xahar.

2. Wara l-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fi żmien xahar u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5), li tagħti bidu għal investigazzjoni.

Artikolu 18

1. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, din għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* li jħabbar l-investigazzjoni, u tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat dwarha. L-avviż għandu jipprovdi sommarju ta' l-informazzjoni li waslet, u jiddikjara li kwalunkwe informazzjoni rilevanti għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeċifika l-perijodu, li ma jistax jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż, li fih il-partijiet interessati jistgħu jikkomunikaw bil-miktub il-fehmiet tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-pajjiż benefiċjarju kull opportunità biex jikkoopera fl-investigazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li tikkunsidra meħtieġa inklużi l-valutazzjonijiet disponibbli, il-kummenti, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-korpi rilevanti ta' sorveljanza tan-NU, l-ILO u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti l-oħra. Dawn għandhom iservu bħala l-punt ta' tluq għall-investigazzjoni dwar jekk l-irtirar temporanju huwiex iġġustifikat għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 15(1)(a). Il-Kummissjoni tista' tivverifika l-informazzjoni li tkun irċeviet ma' operaturi ekonomiċi u l-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

4. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn uffiċjali ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu ssir il-verifika, jekk hekk jintalab minn dak l-Istat Membru.

5. Fejn informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni ma tingħatax matul il-perijodu speċifikat fl-avviż li jħabbar l-investigazzjoni, jew l-investigazzjoni tiġi mfixkla b'mod sinifikanti, is-sejbiet jistgħu jkunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

▼B

6. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sena. Il-Kummissjoni tista' testendi dan il-perijodu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5).

Artikolu 19

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27.

2. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5), li ttemm l-investigazzjoni. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li jħabbar it-tmiem ta' l-investigazzjoni u jistipula l-konklużjonijiet prinċipali tagħha.

3. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sejbiet jiġġustifikaw l-irtirar temporanju għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 15(1)(a), hija għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5), li tissorvelja u tivvaluta l-qagħda fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat għal perijodu ta' sitt xhur. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika din id-deċiżjoni lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat u għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li jħabbar li hi biħsiebha tippreżenta proposta lill-Kunsill għal irtirar temporanju, ħlief jekk, qabel it-tmiem tal-perijodu, il-pajjiż benefiċjarju kkonċernat ikun intrabat li jieħu l-miżuri meħtieġa biex ikun konformi, f'perijodu ta' żmien raġjonevoli, mal-konvenzjonijiet imsemmija fil-Parti A ta' l-Anness III.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li jinħtieġ irtirar temporanju, hija għandha tippreżenta proposta xierqa lill-Kunsill li għandu jiddeċiedi fi żmien xahrejn permezz ta' maġġoranza kwalifikata. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposta tagħha fi tmiem il-perijodu msemmi f'dak il-paragrafu.

5. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi għal irtirar temporanju, tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tittieħed, sakemm il-Kunsill, wara proposta adatta mill-Kummissjoni, ma jkunx iddeċieda qabel dan li r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar ma għadhomx prevalenti.

TAQSIMA 2

Klawżola ta' salvagwardja

Artikolu 20

1. Fejn prodott li joriġina f'pajjiż benefiċjarju hu importat f'termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji lil produttur Komunitarju ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament, jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni fuq dak il-prodott fi kwalunkwe waqt fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni formali, f'perijodu ta' żmien raġjonevoli, biex tagħti bidu għal investigazzjoni. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, din għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li jħabbar l-investigazzjoni. L-avviż għandu jipprovdi sommarju ta' l-informazzjoni li tkun waslet, u jiddikjara kwalunkwe informazzjoni rilevanti li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeċifika l-perijodu, li ma jistax jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż, li fih il-partijiet interessati jistgħu jikkomunikaw bil-miktub l-fehmiet tagħhom.

▼B

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li hija tqis meħtieġa, u tista' tivverifika l-informazzjoni li tkun rċeviet mal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat u kwalunkwe sors ieħor rilevanti. Hija tista' tkun assistita minn uffiċjali ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu tista' ssir il-verifika, jekk dak l-Istat Membru jitlob hekk.

4. Meta tkun qed teżamina jekk hemmx diffikultajiet serji, il-Kummissjoni għandha tqis, *inter alia*, il-fatturi li ġejjin li jikkonċernaw produtturi Komunitarji, meta l-informazzjoni tkun disponibbli:

(a) sehem fis-suq,

(b) produzzjoni,

(ċ) stokks,

(d) kapaċità tal-produzzjoni,

(e) fallimenti,

(f) profitabilità,

(g) ultilizzazzjoni tal-kapaċità,

(h) impjieg,

(i) importazzjonijiet,

(j) prezzijiet.

5. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista', fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u wara konsultazzjoni mal-Kumitat, testendi dan il-perijodu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5).

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahar, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5). Deċiżjoni bħal din għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

7. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni immedjata jagħmlu investigazzjoni impossibbli, il-Kummissjoni tista', wara li tinforma lill-Kumitat, tieħu kwalunkwe miżura preventiva li hija strettament meħtieġa.

8. Il-Kummissjoni, fl-1 ta' Jannar ta' kull sena matul il-perijodu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 32(2), fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru u wara li tinforma lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27, għandha tneħħi l-preferenzi msemmija fl-Artikoli 6 u 7 fir-rigward tal-prodotti mit-Taqsima XI(b) fejn importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti, kif imsemmija fl-Artikolu 13(1), joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju:

(a) jiżdiedu mill-inqas b'20 % fil-kwaltità (bil-volum), meta mqabbla mas-sena kalendarja preċedenti, jew

(b) jaqbżu 12,5 % tal-valur ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità ta' prodotti mit-Taqsima XI(b) mill-pajjiżi u t-territorji kollha elenkati fl-Anness I matul kwalunkwe perijodu ta' tnax-il xahar,

Din id-dispożizzjoni ma għandiex tapplika għal pajjiżi li jibbenefikaw mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati msemmija fl-Artikolu 11, u l-anqas għall-pajjiżi li għandhom sehem mis-suq ta' importazzjonijiet fil-Komunità, kif definit fl-Artikolu 13(1), li ma jaqbiżx it-8 %. It-tneħħija tal-preferenzi għandha tidħol fis-seħħ xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal dan il-għan fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

▼B

Artikolu 21

Fejn l-importazzjonijiet ta' prodotti inklużi fl-Anness I għat-Trattat jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, tfixkil serju għas-swieq Komunitarji, b'mod partikolari lil wieħed jew iżjed mir-reġjuni l-iktar imbiegħda, jew lill-mekkaniżmi regolatorji tagħhom, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, tista' tissospendi l-arranġamenti preferenzjali fir-rigward tal-prodotti kkonċernati wara li tikkonsulta l-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni rilevanti tas-suq komuni.

Artikolu 22

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat malajr kemm jista' jkun bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond l-Artikoli 20 jew 21 qabel ma din issir effettiva. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika wkoll lill-Kunsill u l-Istati Membri dwar dan.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jirreferi deċiżjoni li ttieħdet skond l-Artikoli 20 jew 21 lill-Kunsill fi żmien xahar. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

TAQSIMA 3

Miżuri ta' sorveljanza fis-settur ta' l-agrikoltura

Artikolu 23

1. Bla ħsara għall-Artikolu 20, prodotti mill-Kapitoli 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji, jistgħu jkunu soġġetti għal mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza sabiex jevita tfixkil fis-suq Komunitarju. Il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, għandha tiddeċiedi dwar il-prodotti li fuqhom għandu jiġi applikat dan il-mekkaniżmu ta' sorveljanza.

2. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 għal prodotti mill-Kapitoli 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji, il-perijodi msemmija fl-Artikolu 20(2) u (5) għandu jitnaqqas għal xahrejn fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-pajjiż benefiċjarju kkonċernat ma jiżgurax konformità mar-regoli ta' oriġini jew ma jipprovdix il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 16, jew

(b) meta importazzjonijiet tal-prodotti mill-Kapitoli 1 sa 24 li jaqgħu taħt arranġamenti preferenzjali mogħtija taħt dan ir-Regolament jiskorru bil-kbir il-livelli tas-soltu ta' esportazzjonijiet mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

TAQSIMA 4

Dispożizzjoni komuni

Artikolu 24

Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa l-applikazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja adottati bħala parti mill-Politika Agrikola Komuni skond l-Artikolu 37 tat-Trattat, jew bħala parti mill-Politika Kummerċjali Komuni skond l-Artikolu 133 tat-Trattat, jew ta' kwalunkwe klawżola ta' salvagwardja oħra li tista' tkun applikata.

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TA' PROĊEDURA

Artikolu 25

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5), tadotta emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament li jsiru meħtieġa:

(a) permezz ta' emendi fin-Nomenklatura Magħquda;

(b) permezz ta' tibdil fl-istatus internazzjonali jew il-klassifikazzjoni ta' pajjiżi jew territorji;

(ċ) permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(2);

(d) jekk pajjiż ikun laħaq il-limiti massimi stipulati fl-Artikolu 3(1);

(e) għall-istabbiliment tal-lista finali ta' pajjiżi benefiċjarji skond l-Artikolu 10.

Artikolu 26

1. Fi żmien sitt ġimgħat mit-tmiem ta' kull tliet xhur, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Eurostat id-data ta' l-istatistika tagħhom dwar prodotti mqiegħda taħt il-proċedura doganali ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera waqt dawk it-tliet xhur taħt il-preferenzi tariffarji previsti f'dan ir-Regolament skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 ([1]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 ([2]). Din id-data, fornuta b'referenza għall-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u, fejn applikabbli, il-kodiċi TARIC, għandha turi, għal kull pajjiż ta' l-oriġini, il-valuri, il-kwantitajiet u kwalunkwe unità supplimentari meħtieġa skond id-definizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1172/95 u r-Regolament (KE) Nru 1917/2000.

2. Skond l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, id-dettalji tal-kwantitajiet ta' prodotti rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera taħt il-preferenzi tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, waqt ix-xhur preċedenti. Din id-data għandha tinkludi l-prodotti msemmija fil-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tissorvelja l-importazzjonijiet tal-prodotti bil-kodiċi NM 0603, 0803 00 19, 1006, 1604 14, 1604 19 31, 1604 19 39, 1604 20 70, 1701, 1704, 1806 10 30, 1806 10 90, 2002 90, 2103 20, 2106 90 59, 2106 90 98, u 6403, sabiex tiddetermina jekk jissodisfawx il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 20 u 21.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-istatistika dwar il-kummerċ fl-oġġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi li mhumiex membri (ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 tas-7 Settembru 2000 li jippreskrivi ċerti disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 fejn għandu x'jaqsam ma' kummerċ barrani (ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1949/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 10).

▼B

Artikolu 27

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(7), il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneraliżżati (minn issa 'l quddiem 'il-Kumitat').

2. Il-Kumitat jista' jeżamina kwalunkwe kwistjoni relatata ma' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, imqajma mill-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru.

3. Il-Kumitat għandu jeżamina l-effetti ta' l-iskema, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006. Dan ir-rapport għandu jkopri l-arranġamenti preferenzali kollha msemmija fl-Artikolu 1(2), u għandu jiġi ppreżentat kmieni biżżejjed għad-diskussjoni dwar ir-Regolament li jmiss.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

KAPITOLU V

EMENDI GĦAR-REGOLAMENTI

Artikolu 28

Ir-Regolament (KE) Nru 552/97, huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-kliem: "Regolament (KE) Nru 3281/94 u r-Regolament (KE) Nru 1256/96" għandhom jinbidlu bil-kliem "Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' tariffii preferenzjali ġeneralizzati għall-perijodu mil-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 (*).

(*) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1."

2. Fl-Artikolu 2, il-kliem: "Artikolu 9(1), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 3281/94 u l-Artikolu 9 (1), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1256/96" għandhom jiġu mibdula bil-kliem: "Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

Artikolu 29

Fir-Regolament (KE) Nru 1933/2006, il-kliem fl-Artikolu 1 "Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem "Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' tariffii preferenzjali ġeneralizzati għall-perijodu mil-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 (*).

(*) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1."

▼B

Artikolu 30

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 huwa minn issa emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1, il-kliem: "Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem "Artikolu 11 (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' tariffi preferenzjali ġeneralizzati għall-perijodu mil-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 (*).

(*) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1";

2. Fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1, il-kliem: "Artikolu 12(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem "Artikolu 11 (3) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008";

3. Fl-Artikolu 3(1), l-ewwel u t-tieni sub-paragrafi għandhom jinbidlu b'dawn li ġejjin: "Il-kwoti tariffarji globali li ġejjin b'dazju żero, espressi bħala 'ekwivalenti għal zokkor abjad', għandhom jinfetħu għall-importazzjonijiet taz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum għall-irfinar tal-kodiċi NM 1701 11 10, li joriġinaw f'pajjiż li, skond l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 732/2008, igawdi mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati:

   — 178 030,75 tunnellata għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru;

   — 204 735 tunnellata għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009.

   Il-kwoti għandu jkollhom in-numri ta' l-ordni 09.4361 u 09.4362, rispettivament.";

4. L-Artikolu 3(2) għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) l-ewwel sottoparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "2. Għall-importazzjonijiet, ħlief għal dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, ta' prodotti ta' l-intestatura tat-tariffa 1701 li joriġinaw f'pajjiżi anqas żviluppati, id-dazji tas-Sistema Doganali Komuni (SDG), kif ukoll id-dazji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 27 tar- Regolament (KE) Nru 318/2006, u soġġett għall-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, għandhom jitnaqqsu skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 b'50 % fl-1 ta' Lulju 2007, bi 80 % fl-1 ta' Lulju 2008, u sospiżi kompletament b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009".

   (b) fil-punt (c) it-tielet sottoparagrafu, il-kelma "Ġunju" għandha tinbidel bil-kelma "Settembru";

   (ċ) il-punt (d) tat-tielet sottoparagrafu huwa mħassar;

5. Fl-Artikolu 5(7)(d), il-kliem "il-garanzija approvata ta' l-operatur" għandhom jinbidlu bil-kliem "il-garanzija ta' l-applikant";

6. Fl-Artikolu 5(8)(a), il-kliem "Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem: "Anness I għar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

▼B

7. Fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(8)(c), il-kliem "Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem "l-Artikolu 11 (5) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

8. Fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(8)(c), il-kliem "Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem "Artikolu 11 (3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

9. Fl-Artikolu 10(2), il-kliem "Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" għandhom jinbidlu bil-kliem: "Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

Artikolu 31

Ir-Regolament (KE) Nru 964/2007 huwa minn issa emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1(1), il-kliem "Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005" huma mibdula bil-kliem "Artikolu 11(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' tariffi preferenzjali ġeneralizzati għall-perijodu mil-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 (*).

(*) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1";

2. Fit-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1(1), il-kliem "l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 980/2005" huma mibdula bil-kliem "l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 732/2008".

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 32

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009 sal-►**M2** 31 ta' Diċembru 2013 jew sa data stipulata mir-Regolament li jmiss, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. ◄ Minkejja dan, id-data ta' skadenza ma għandhiex tapplika għall-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, u lanqas, sal-punt li huma applikati b'mod konġunt ma' dawn l-arranġamenti, għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

ANNESS I

Pajjiżi [1] **u territorji benefiċjarji tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati**

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità

Kolonna B: isem il-pajjiż jew territorju

Kolonna C: settur(i) li fir-rigward tagħhom tneħħew il-preferenzi tariffarji, għall-pajjiż benefiċjarju kkonċernat (l-Artikolu 13)

Kolonna D: pajjiż inkluż fl-arranġamenti speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (l-Artikolu 11)

Kolonna E: pajjiż inkluż fl-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba (l-Artikolu 7)

A	B	C		D	E
AE	L-Emirati Għarab Magħquda				
AF	L-Afganistan			X	
AG	Antigwa u Barbuda				
AI	Angwilla				
AM	l-Armenja				X
AO	L-Angola			X	
AQ	Antartika				
AR	L-Arġentina				
AS	is-Samoa Amerikana				
AW	L-Aruba				
AZ	L-Azerbajġan				X
BB	Il-Barbados				
BD	Il-Bangladexx			X	
BF	Il-Burkina Faso			X	
BH	Il-Baħrejn				
BI	Il-Burundi			X	
BJ	Il-Benin			X	
BM	Il-Bermuda				
BN	Il-Brunej Darussalam				
BO	Il-Bolivja				X

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li setgħu kienu temporanjament sospiżi mis-SĠP tal-Komunità jew li setgħu ma kkonformawx mar-rekwiżiti għal kooperazzjoni amministrattiva (prekondizzjoni biex prodotti jingħataw il-benefiċċju tal-preferenzi tariffarji). Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat ser jipprovdu lista aġġornata.

▼M3

A	B	C		D	E
BQ	Bonaire Sint Eustatius, u Saba				
BR	Il-Brażil	S-IV	Ikel ippreparat; xorb, spirti u ħall; tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk		
		S-IX	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol ta' basktijiet u xogħol tal-wiker		
BS	Il-Baħamas				
BT	Il-Butan			X	
BV	Il-Gżira ta' Bouvet				
BW	Il-Botswana				
BY	Il-Belarus				
BZ	Il-Beliże				
CC	Gżejjer Kokos (jew Gżejjer Keeling)				
CD	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo			X	
CF	ir-Repubblika Ċentru-Afrikana			X	
CG	Il-Kongo				
CI	Il-Kosta tal-Avorju				
CK	Il-Gżejjer Cook				
CM	Il-Kamerun				
CN	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	S-IV	Prodotti tal-industrija kimika jew dawk relatati magħha		
		S-VII	Plastik u oġġetti tiegħu; gomma u oġġetti tal-gomma.		
		S-VIII	Ġlud mhux maħdumin, ġilda, ferijiet u oġġetti magħmulin minnhom; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)		
		S-IX	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab		
		S-XI(a)	Tessuti; S-XI(b) Artikli tat-tessuti		
		S-XII	Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar tal-bniedem		
		S-XIII	Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, majka jew materjali simili; prodotti taċ-ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ		

▼M3

A	B	C		D	E
		S-XIV	Perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli mlibbsa b'metall prezżjuż, u oġġetti magħmula minnhom; ġojjelli artifiċjali; munita		
		S-XV	Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx		
		S-XVI	Makkinarju u għodod mekkaniċi; tagħmir elettriku; partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu l-ħoss, strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu stampa u ħoss tat-televiżjoni, u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti		
		S-XVII	Vetturi, inġenji tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat		
		S-XVIII	Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, ta' kejl, ta' verifika, ta' preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; arloġġi u arloġġi tal-idejn; strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji tagħhom		
		S-XX	Oġġetti mixxellanji manifatturati;		
CO	Il-Kolombja				X
CR	Il-Kosta Rika				X
CU	Kuba				
CV	Il-Kap Verde			X	
CW	Curaçao				
CX	Il-Gżira Christmas				
DJ	Ġibuti			X	
DM	Dominika				
DO	Ir-Repubblika Dominikana				
DZ	L-Alġerija				
EC	L-Ekwador				X
EG	L-Eġittu				
ER	L-Eritrea			X	
ET	L-Etjopja			X	
FJ	Il-Fiġi				
FK	Il-Gżejjer Falkland				
FM	l-Istati Federali tal-Mikroneżja				
GA	Il-Gabon				

▼**M3**

A	B	C		D	E
GD	Il-Grenada				
GE	Il-Ġeorġja				X
GH	Il-Gana				
GI	Ġibiltà				
GL	Il-Groenlandja				
GM	Il-Gambja			X	
GN	Il-Ginea			X	
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali			X	
GS	Gżejjer South Georgia u South Sandwich				
GT	Il-Gwatemala				X
GU	Gwam				
GW	Il-Ginea-Bissaw			X	
GY	Il-Gujana				
HM	Il-Gżira Heard u l-Gżejjer McDonald				
HN	Il-Ħonduras				X
HT	Ħaiti			X	
ID	L-Indoneżja	S-III	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex		
IN	L-Indja	S-XI(a)	Tessuti		
IO	It-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan				
IQ	L-Iraq				
IR	L-Iran				
JM	Il-Ġamajka				
ĠU	Il-Ġordan				
KE	Il-Kenja				
KG	Il-Kirgiżistan				
KH	Il-Kambodja			X	
KI	Kiribati			X	
KM	Il-Komoros			X	

▼**M3**

A	B	C		D	E
KN	St Kitts u Nevis				
KW	Il-Kuwajt				
KY	Il-Gżejjer Kajman				
KZ	Il-Każakistan				
LA	Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos			X	
LB	Il-Libanu				
LC	Santa Lucija				
LK	Is-Sri Lanka				X
LR	Il-Liberja			X	
LS	Il-Lesoto			X	
LY	Ġamaħirija Libjana Għarbija				
MA	Il-Marokk				
MG	Il-Madagaskar			X	
MH	Il-Gżejjer Marshall				
ML	Mali			X	
MM	Il-Mjanmar			X	
MN	Il-Mongolja				X
MO	Il-Makaw				
MP	Il-Gżejjer tal-Marjanas tat-Tramuntana				
MR	Il-Mawritanja			X	
MS	Il-Montserrat				
MU	Il-Mawrizju				
MV	Il-Maldivi			X	
MW	Il-Malawi			X	
MX	Il-Messiku				
MY	Il-Malasja	S-III	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex		
MZ	Il-Możambik			X	
NA	In-Namibja				
NC	Il-Kaledonja Ġdida				
NE	In-Niġer			X	

▼**M3**

A	B	C		D	E
NF	Il-Gżira Norfolk				
NG	In-Niġerja				
NI	In-Nikaragwa				X
NP	In-Nepal			X	
NR	Nawru				
NU	Niue				
OM	L-Oman				
PA	Il-Panama				
PE	Il-Perù				X
PF	Il-Polineżja Franċiża				
PG	Il-Papwa Ginea Ġdida				
PH	Il-Filippini				
PK	Il-Pakistan				
PM	St Pierre u Miquelon.				
PN	Il-Pitcairn				
PW	Il-Palaw				
PY	Il-Paragwaj				X
QA	Il-Qatar				
RU	Il-Federazzjoni Russa				
RW	Ir-Rwanda			X	
SA	L-Arabja Sawdija				
SB	Il-Gżejjer Solomon			X	
SC	Is-Seychelles				
SD	Is-Sudan			X	
SH	Sant'Elena				
SL	is-Sjerra Leon			X	
SN	Is-Senegal			X	
SO	Is-Somalja			X	
SR	Is-Surinam				

▼**M3**

A	B	C		D	E
SS	is-Sudan t'Isfel			X	
ST	São Tomé u Príncipe			X	
SV	El Salvador				X
SX	Sint Maarten (Il-parti Olandiża)				
SY	ir-Repubblika Għarbija Sirjana				
SZ	Is-Sważiland				
TC	Il-Gżejjer Turks u Caicos,				
TD	Iċ-Ċad			X	
TF	It-Territorji Franċiż tan-Nofsinhar				
TG	It-Togo			X	
TH	It-Tajlandja	S-XIV	Perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli mlibbsa b'metall prezżjuż, u oġġetti magħmula minnhom; ġojjelli artifiċjali; munita		
TJ	It-Taġikistan				
TK	It-Tokelaw				
Tl	Timor-Leste			X	
TM	it-Turkmenistan				
TN	It-Tuneżija				
TO	It-Tonga				
TT	Trinidad u Tobago				
TV	Tuvalu			X	
TZ	It-Tanzania			X	
UA	L-Ukraina				
UG	L-Uganda			X	
Um	Il-Gżejjer Minuri tal-Periferija tal-Istati Uniti				
UY	L-Urugwaj				
UZ	L-Użbekistan				
VC	St Vincent u l-Grenadines				
VE	Il-Venezwela				
VG	Il-Gżejjer Verġni Britanniċi				
VI	Gżejjer Virgin tal-Istati Uniti tal-Amerika)				

▼**M3**

A	B	C		D	E
VN	Il-Vjetnam	S-XII	Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar tal-bniedem		
VU	Il-Vanwatu			X	
WF	Wallis u Futuna				
WS	Is-Samoa			X	
YE	Il-Jemen			X	
YT	Il-Majott				
ZA	L-Afrika t'Isfel				
ZM	Iż-Żambja			X	
ZW	Iż-Żimbabwe				

▼B

ANNESS II

Lista Ta' Prodotti Inklużi Fl-Arranġamenti Msemmija Fl-Artikolu 1(2)(a) u (b)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva, bil-preferenzi tariffarji ddeterminati mill-kodiċi NM. Fejn hemm indikati "ex" kodiċi NM, il-preferenzi tariffarji jridu jiġu determinati mill-kodiċi NM u d-deskrizzjoni, flimkien.

Id-dħul ta' prodotti b'kodiċi NM immarkati b'asterisk huma soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

Il-kolonna "Sensittivi/mhux sensittivi" tirreferi għall-prodotti inklużi fl-arranġament ġenerali (l-Artikolu 6) u fl-arranġament ta' l-inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (l-Artikolu 7). Dawn il-prodotti huma elenkati jew bħala MS (mhux sensittivi, għall-finijiet ta' l-Artikolu 6(1)) jew S (sensittivi, għall-finijiet ta' l-Artikolu 6(2)).

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, il-prodotti huma elenkati fi gruppi. Dawn jistgħu jinkludu prodotti li għalihom id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni huma eżentati jew sospiżi.

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0101 10 90	Ħmir, ħajjin, ta' razza pura għar-razza u oħrajn	S
0101 90 19	Żwiemel ħajjin, minbarra annimali ta' razza pura għar-razza, mhux għall-qatla	S
0101 90 30	Ħmir ħajjin, minbarra annimali ta' razza pura għar-razza	S
0101 90 90	Bgħula u bgħula tar-rkib	S
0104 20 10 *	Mogħoż ħajjin, ta' razza pura għar-razza	S
0106 19 10	Fniek domestiċi ħajjin	S
0106 39 10	Ħamiem ħaj	S
0205 00	Laħam taż-żwiemel, ħmir jew bgħula, frisk, imkessaħ jew iffriżat	S
0206 80 91	Ġewwieni li jittiekel taż-żwiemel, ħmir jew bgħula, frisk jew imkessaħ minbarra dawk għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	S
0206 90 91	Ġewwieni li jittiekel taż-żwiemel, ħmir jew bgħula, iffriżat, minbarra dawk għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	S
0207 14 91	Fwied, iffriżat, ta' farawni ta' l-ispeċi *Gallus domesticus*	S
0207 27 91	Fwied, iffriżat, tad-dundjani	S
0207 36 89	Fwied, iffriżat, tal-papri, wiżż jew farawni, minbarra fwied bix-xaħam ta' papri jew wiżż	S
ex 0208 ([1])	Laħam u ġewwieni ta' laħam ieħor li jittiekel, frisk, imkessaħ jew friżat, ħlief il-prodotti taħt is-subintestatura 0208 90 55 (ħlief għall-prodotti taħt is-subintestatura 0208 90 70 li għalihom ma għandhiex tapplika n-nota f'qiegħ il-paġna)	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0208 90 70	Saqajn taż-żrinġijiet	MS
0210 99 10	Laħam taż-żiemel, immellaħ, fis-salmura jew imnixxef	S
0210 99 59	Ġewwieni ta' l-annimali ta' l-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, minbarra falda ħoxna u falda rqiqa	S
0210 99 60	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat	S
0210 99 80	Ġewwieni, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, minbarra l-fwied tat-tjur, ta' annimali ta' l-ifrat jew ta' nagħaġ jew mogħoż	S
ex Kapitolu 3 ([2])	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħra, minbarra l-prodotti taħt is-subintestatura 0301 10 90	S
0301 10 90	Ħut ornamentali, ħaj ta' l-ilma mielaħ	MS
0403 10 51 0403 10 53 0403 10 59 0403 10 91 0403 10 93 0403 10 99	Jogurt, imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	S
0403 90 71 0403 90 73 0403 90 79 0403 90 91 0403 90 93 0403 90 99	Xorrox tal-butir, baqta tal-ħalib u krema, kephir u ħalib u krema oħra fermentati u aċidifikati, imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	S
0405 20 10 0405 20 30	Dlik (pejsts) tal-butir, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda inqas minn 75 %	S
0407 00 90	Bajd tat-tjur, fil-qoxra, frisk, preservat jew imsajjar, ħlief tat-tjur tad-dar	S
0409 00 00 ([3])	Għasel naturali	S
0410 00 00	Prodotti tajbin għall-ikel u li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	S
0511 99 39	Sponoż naturali li ġejjin mill-annimali, minbarra dawk nejjin	S
ex Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal tax-xtieli, xtieli ta' l-għeruq u xtieli simili; fjuri maqtugħa u weraq ornamentali, minbarra l-prodotti taħt is-subintestatura 0604 91 40	S
0604 91 40	Friegħi tal-koniferi, friski	MS
0701	Patata, friska jew imkessħa	S
0703 10	Basal u shallots, frisk jew imkessaħ	S
0703 90 00	Kurrat u veġetali oħrajn tal-ġens tat-tewm ieħor, frisk jew imkessaħ	S
0704	Kaboċċi, pastard, ġdur u brassicae oħrajn li jittieklu, friski jew imkessħin	S
0705	Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.), frisk jew imkessħin	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0706	Karrotti, turnips (xorta ta' Brassica), pitravi għall-insalata, sassefrika, celeriac (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq oħrajn simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin	S
ex 0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ, mis-16 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	S
0708	Veġetali leguminużi, imqaxxrin jew bil-qoxra, friski jew imkessħin	S
0709 20 00	Asparagu, frisk jew imkessaħ	S
0709 30 00	Brunġiel (xitel tal-brunġiel), frisk jew imkessaħ	S
0709 40 00	Krafes ħlief celeriac, frisk jew imkessaħ	S
0709 51 00 0709 59	Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ, minbarra l-prodotti taħt is-subintestatura 0709 59 50	S
0709 60 10	Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ	S
0709 60 99	Frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, frisk jew kiesaħ, minbarra l-bżar ħelu, mhux għall-fabbrikazzjoni ta' żebgħa tal-capsicin jew capsicum oleoresin u barra milli għall-fabbrikazzjoni industrijali ta' żjut jew reżinojdi essenzjali	S
0709 70 00	Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi tal-ġonna (orache), friska jew imkessħa	S
0709 90 10	Veġetali għall-insalata, frisk jew kiesaħ, ħlief ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.)	S
0709 90 20	Pitravi chard (jew pitravi bajda) u kardun, frisk jew imkessaħ	S
0709 90 31 *	Żebbuġ, frisk jew kiesaħ, għal użi ħlief il-produzzjoni taż-żejt	S
0709 90 40	Kappar, frisk jew imkessaħ	S
0709 90 50	Bużbież, frisk jew imkessaħ	S
0709 90 70	Zukkini (qara' bagħli żgħir), friski jew imkessħa	S
ex 0709 90 80	Qaqoċċ, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru	S
0709 90 90	Veġetali oħrajn, friski jew imkessħin	S
ex 0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), friżati, minbarra l-prodott tas-subintestatura 0710 80 85	S
0710 80 85 ([3])	Asparagu (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), friżati	S
ex 0711	Veġetali preservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f' ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, eslkużi l-prodotti taħt is-subintestatura 0711 20 90	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
ex 0712	Veġetali mnixxfin, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux preparati aktar minn ħekk, esklużi ż-żebbuġ u l-prodotti taħt is-subintestatura 0712 90 19	S
0713	Veġetali leguminużi mnixxfin, imqaxxrin, kemm mingħajr qoxra ta' ġewwa ukoll u maqsumin jew le:	S
0714 20 10 *	Patata ħelwa, friska, sħiħa, maħsuba għal konsum uman	MS
0714 20 90	Patata ħelwa, friska, imkessħa, iffriżata jew imnixxfa, sew jew imfella jew le f'forma ta' pellets, minbarra dik friska u sħiħa u intiża għall-konsum uman	S
0714 90 90	Artiċokks u għeruq u tuberi simili b'kontenutgħoli ta' inulina, friski, imkessħin, friżati jew imnixxfin, kemm jekk flieli jew le jew f'forma ta' gerbub; sago pith	MS
0802 11 90 0802 12 90	Lewż, frisk jew imnixxef, sew bil-qoxra kif ukoll mingħajrha, minbarra morr	S
0802 21 00 0802 22 00	Ġellewż jew filberts (*Corylus* spp.), frisk jew imnixxef, sew bil-qoxra kif ukoll mingħajrha:	S
0802 31 00 0802 32 00	Ġewż, frisk jew imnixxef, sew bil-qoxra kif ukoll mingħajrha	S
0802 40 00	Qastan (*Castanea spp*.), frisk jew imnixxef, imqaxxrin jew imfesdqin jew le	S
0802 50 00	Pistaċċi, frisk jew imnixxef, imqaxxrin jew imfesdqin jew le	MS
0802 60 00	Ġewż ta' makadamja, frisk jew imnixxef, imqaxxrin jew imfesdqin jew le	MS
0802 90 50	Ġewż ta' l-arżnu, frisk jew imnixxef, imqaxxrin jew imfesdqin jew le:	MS
0802 90 85	Ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, imqaxxrin jew imfesdqin jew le	MS
0803 00 11	Pjantaġġini, friski	S
0803 00 90	Banana, inklużi pjantaġġini, imnixxfin	S
0804 10 00	Tamal, frisk jew imnixxef	S
0804 20 10 0804 20 90	Tin, frisk jew imnixxef	S
0804 30 00	Ananas, frisk jew imnixxef	S
0804 40 00	Avokado, frisk jew imnixxef	S
ex 0805 20	Mandolina (inklużi l-varjetajiet *tangerines* u *satsumas*), u klementina, *wilkings* u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew imnixxfin, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0805 40 00	Grejpfrut, inklużi pomelos, frisk jew imnixxef	MS
0805 50 90	Xkomp (*Citrus aurantifolia, Citrus latifolia*), frisk jew imnixxef	S
0805 90 00	Frott taċ-ċitru ieħor, frisk jew imnixxef	S
ex 0806 10 10	Għeneb tal-mejda, frisk, mill-1 ta' Jannar sa' l-20 ta' Lulju u mill-21 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru, eskluż għeneb tat-tip Emperor (*Vitis vinifera* cv.) mill-1 sal-31 ta' Diċembru	S
0806 10 90	Għeneb ieħor, frisk	S
ex 0806 20	Għeneb imnixxef, minbarra l-prodotti taħt is-subintestatura ex 0806 20 30 f'kontenituri immedjati ta' kapaċità netta li taqbeż iż-2 kg	S
0807 11 00 0807 19 00	Bettieħ (inkluż dulliegħ), frisk	S
0808 10 10	Tuffieħ tas-sidru, bil-kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru	S
0808 20 10	Lanġas tal-*Perry*, bil-kwantità, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S
ex 0808 20 50	Lanġas ieħor, frisk, mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju	S
0808 20 90	Sfarġel, frisk	S
ex 0809 10 00	Berquq, frisk, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S
0809 20 05	Ċirasa qarsa (*Prunus cerasus*), friska	S
ex 0809 20 95	Ċirasa, friska, mill-1 ta' Jannar sa l-20 ta' Mejju u mill-11 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru, minbarra ċirasa qarsa (*Prunus cerasus*)	S
ex 0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, frisk, mill-1 ta' Jannar sa' l-10 ta' Ġunju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru	S
ex 0809 40 05	Għanbaqar, frisk, mill-1 ta' Jannar sa' l-10 ta' Ġunju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru	S
0809 40 90	Pruna selvaġġa (*sloes*), friska	S
ex 0810 10 00	Frawli, frisk, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S
0810 20	Lampun, tut, ċawsli u *loganberries*, friski	S
0810 40 30	Frott ta' l-ispeċi *Vaccinium myrtillus, frisk*	S
0810 40 50	Frott ta' l-ispeċi *Vaccinium macrocarpon* u *Vaccinium corymbosum*, frisk	S
0810 40 90	Frott ieħor tal-ġeneru Vaccinium, frisk	S
0810 50 00	Ribes Ċiniż *(kiwifruit), frisk*	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0810 60 00	*Durians, friski*	S
0810 90 50 0810 90 60 0810 90 70	Passolina sewda, bajda jew ħamra u ribes (*gooseberries*), friski	S
0810 90 95	Frott ieħor, frisk	S
ex 0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, friżati, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew mingħajrha, ħlief għall-prodotti taħt is-subintestaturi 0811 10 u 0811 20	S
0811 10 u ([3]) 0811 20 ([3])	Frawli, lampun, tut, ċawsli u *loganberries*, passolina sewda, bajda u ħamra u ribes (*gooseberries*)	S
ex 0812	Frott u ġewż, preservati proviżorjament (per eżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, ħlief għal prodotti taħt is-subintestatura 0812 90 30	S
0812 90 30	Pawpaw (papaja)	MS
0813 10 00	Berquq, imnixxef	S
0813 20 00	Pruna	S
0813 30 00	Tuffieħ, imnixxef	S
0813 40 10	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, imnixxef	S
0813 40 30	Langas imnixxef	S
0813 40 50	Pawpaw (papaja), imnixxef	MS
0813 40 95	Frott ieħor, imnixxef, minbarra dak ta' l-intestaturi 0801 sa 0806	MS
0813 50 12	Taħlit ta' frott imnixxef, (ħlief dak ta' intestaturi 0801 sa 0806) ta' pawpaw (papaja), tamarind, frott ta' l-anakardju, liċċi (*litchi*), frott tas-siġra tal-ħobż (*jackfruit*), frott tas-sapodilja, frott tal-passjoni, karambola jew pitaħaja, mingħajr pruna	S
0813 50 15	Taħlitiet oħra ta' frott imnixxef (minbarra dak ta' l-intestaturi 0801 sa 0806), mingħajr pruna	S
0813 50 19	Taħlitiet ta' frott imnixxef (minbarra dak ta' l-intestaturi 0801 sa 0806), bil-pruna	S
0813 50 31	Taħlit esklussivament ta' ġewż imnixxef ta' intestaturi 0801 u 0802	S
0813 50 39	Taħlit esklussivament ta' ġewż imnixxef ta' intestaturi 0801 u 0802, ħlief ta' ġewż tropikali	S
0813 50 91	Taħlit ta' ġewż u frott imnixxef tal-Kapitolu 8, mingħajr pruna jew tin	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
0813 50 99	Taħlit ieħor ta' ġewż jew frott imnixxef tal-Kapitolu 8	S
0814 00 00	Qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ (inkluż dulliegħ), friska, friżata, imnixxfa jew proviżorjament preservata fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn preservattivi.	MS
ex Kapitolu 9	Kafè, tè maté u ħwawar, minbarra l-prodotti taħt is-subintestaturi 0901 12 00, 0901 21 00, 0901 22 00, 0901 90 90 u 0904 20 10, l-intestaturi 0905 00 00 u 0907 00 00, u s-subintestaturi 0910 91 90, 0910 99 33, 0910 99 39, 0910 99 50 u 0910 99 99	MS
0901 12 00	Kafè, mhux inkaljat, bil-kaffeina mneħħija	S
0901 21 00	Kafè, inkaljat, mingħajr ma titneħħielu l-kaffeina	S
0901 22 00	Kafè, inkaljat, bil-kaffeina mneħħija	S
0901 90 90	Sostituti tal-kafè li fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon	S
0904 20 10	Bżar ħelu, imnixxef, la mfarrak lanqas mitħun	S
0905 00 00	Vanilla	S
0907 00 00	Msiemer tal-qronfol (frott sħlħ, musmar u zkuk)	S
0910 91 90	Taħlit ta' tnejn jew aktar mill-prodotti ta' intestaturi differenti taħt l-intestaturi 0904 sa 0910, imfarrak jew mitħun	S
0910 99 33 0910 99 39 0910 99 50	Sagħtar; weraq tar-rand	S
0910 99 99	Ħwawar oħra, imfarrka jew mitħuna, minbarra t-taħlitiet ta' tnejn jew aktar prodotti taħt intestaturi differenti ta' l-intestaturi 0904 sa 0910	S
ex 1008 90 90	Kwinowa	S
1105	Dqiq, pasta, trab, bċejjeċ irqaq, ħbub u gerbub tal-patata	S
1106 10 00	Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi mnixxfin ta' intestatura 0713	S
1106 30	Dqiq, pasta u trab ta' prodotti mill-Kapitlu 8	S
1108 20 00	Inulina	S
ex Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; ħlief għal prodotti taħt is-subintestaturi 1209 21 00, 1209 23 80, 1209 29 50, 1209 29 80, 1209 30 00, 1209 91 10, 1209 91 90 u 1209 99 91; pjanti industrijali jew mediċinali; ħlief għal prodotti taħt l-intestatura 1210 u s-subintestatura 1211 90 30, u esklużi l-prodotti taħt is-subintestaturi 1212 91 u 1212 99 20; tiben u magħlef	S
1209 21 00	Żerriegħa tax-xnien (alfalfa), ta' kwalità użati għaż-żriegħ	MS

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
1209 23 80	Żerriegħa oħra taż-żwien, ta' kwalità użata għaż-żriegħ	MS
1209 29 50	Żerriegħa tal-lupina, ta' kwalità użata għaż-żriegħ	MS
1209 29 80	Żerriegħa ta' pjanti oħra tal-magħlef, tal-kwalità użata għaż-żriegħ	MS
1209 30 00	Żrieragħ ta' pjanti erbaċej kultivati priċipalment għall-fjuri tagħhom, ta' kwalità użata għaż-żriegħ	MS
1209 91 10 1209 91 90	Żerriegħa oħra tal-ħaxix, ta' kwalità użata għaż-żriegħ	MS
1209 99 91	Żrieragħ ta' pjanti kultivati prinċipalment għall-fjuri tagħhom, ħlief dawk ta' subintestatura 1209 30 00	MS
1210 ([1])	Koni tal-ħops, frisk jew niexef, mitħun jew le, trab jew f'forma ta' gerbub; lupulina	S
1211 90 30	Ful *tonquin*, friski jew imnixxfin, maqtugħin jew le, misħuqin jew trab	MS
ex Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn, ħlief il-prodotti taħt is-subintestatura 1302 12 00	S
1302 12 00	Linef u estratti veġetali ta' għud is-sus	MS
1501 00 90	Grass tat-tjur, ħlief dak ta' l-intestatura 0209 jew 1503	S
1502 00 90	Grass ta' annimali ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta'l-intestatura 1503 u ħlief dawk għal użi industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum uman	S
1503 00 19	Stearina tax-xaħam u oleostearina, li mhumiex għal użi industrijali	S
1503 00 90	Żejt tax-xaħam, oleostearina u żejt tax-xaħam tad-dam, mhuxemulsifikati jew imħalltin jew preparati b'xi mod ieħor, ħlief żejt tax-xaħam tad-dam għal użi industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għalkonsum uman	S
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kemikalment	S
1505 00 10	Xaħam tas-suf, mhux raffinat	S
1507	Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kemikalment	S
1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kemikalment:	S
1511 10 90	Żejt tal-palm, mhux raffinat, minbarra għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum uman	S
1511 90	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kemikalment	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
1512	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, ta' l-għosfor jew taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kemikalment	S
1513	Żejt tal-ġewż ta' l-Indi (kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palm jew żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kemikalment	S
1514	Żejt tal-lift, kolza jew mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda	S
1515	Xaħmijiet u żjut oħrajn fissi ta' veġetali (inkluż żejt tal-ġoġoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kemikalment	S
ex 1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar, ħlief għall-prodotti taħt is-subintestatura 1516 20 10	S
1516 20 10	Żejt ir-riġnu idroġenat, imsejjaħ "xema' opali"	MS
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta'annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti tal-Kapitlu 15, ħlief xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' l-intestatura 1516	S
1518 00	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidrati, sulfurizzati, minfuħin, polimerizzati bis-sħana ġewwa vakuum jew ġewwa gass inerti jew modifikati kemikalment mod ieħor, ħlief dawk ta'intestatura 1516; taħlitiet u preparazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali mhumiex tajbin għall-ikel jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-kapitlu, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	S
1521 90 99	Xema' tan-naħal, xemgħat u spermaċeti ta' insetti oħrajn, kemm jekk raffinati jew kuluriti inkella le, ħlief mhux imsajrin	S
1522 00 10	Degras	S
1522 00 91	Tartru u residwi taż-żejt; sapun sempliċi (*soap-stock*), ħlief li fih żejt bil-karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġ	S
1601 00 10	Zalzett u prodotti simili, ta' fwied, u preparazzjonijiet ta'l-ikel bażati fuq il-fwied	S
1602 20 10	Fwied tal-wiżża jew tal-papra, preparat jew preservat	S
1602 41 90	Koxox u qatgħat tagħhom, preparati jew preservati, ta' majjal ħlief ta' majjal domestiku	S
1602 42 90	Spallejn u qatgħat tagħhom, preparati jew preservati, ta' majjal ħlief ta' majjal domestiku	S
1602 49 90	Laħam ieħor jew fdal ta' laħam preparat jew preservat, inkluż taħlit, ta' majjal ħlief ta' majjal domestiku	S
1602 50 31 ([3]), 1602 50 95 ([3])	Laħam jew fdal ta' laħam ieħor preparat jew preservat, imsajjar, ta' annimali bovini, sew jekk f'kontenituri ssiġġillati sew jekk le	S

▼B

kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/mhux sensittivi
1602 90 31	Laħam jew fdal ta' laħam ieħor preparat jew preservat, ta' kaċċa jew fniek	S
1602 90 69 1602 90 72 1602 90 74 1602 90 76 1602 90 78 1602 90 99	Laħam jew fdal ta' laħam ieħor preparat jew preservat, tan-ngħaġ jew tal-mogħoż jew ta' annimali oħra, li ma fihx ikel jew fdal ta' annimali ta' l-ifrat mhux imsajjar u li ma fihx laħam jew fdal ta' laħam tal-majjal domestiku	S
1603 00 10	Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċioħrajn, f'pakki diretti ta' kontenut nett ta' 1 kg jew inqas	S
1604	Ħut preparat jew preservat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd talħut	S
1605	Krustaċej, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati	S
1702 50 00	Fruktows kimikalment pur	S
